

Brussell, 2 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14744/19

DAPIX 359
CRIMORG 164
ENFOPOL 525
ENFOCUSTOM 199
JAI 1289

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	2 ta' Diċembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14058/19
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tar-Renju Unit rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, adottati mill-Kunsill fit-3735 laqgħa tiegħu li saret fit-2 ta' Diċembru 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI****Evalwazzjoni tar-Renju Unit rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika**

1. F'konformità mal-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, il-forniment ta' data personali previst mid-Deċiżjoni jista' jseħħ biss ladarba d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fil-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni jiġu implimentati fil-liġi nazzjonali tat-territorji tal-Istati Membri involuti f'dan il-forniment. Il-Kunsill irid jiddeċiedi unanimament jekk intlaħqitx din il-kondizzjoni. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal daww l-Istati Membri li fihom il-forniment ta' data personali kif previst f'din id-Deċiżjoni jkun diġà tnieda skont it-"Trattat ta' Prüm" (2005).
2. F'konformità mal-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-verifika li tkun intlaħqet il-kondizzjoni ta' hawn fuq għandha ssir abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni bbażat fuq kwestjonarju. Fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data f'konformità mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun ibbażat ukoll fuq żjara ta' evalwazzjoni u fuq prova pilota.
3. F'konformità mal-punt 1.1 tal-Kapitolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wiehied mill-iskambji awtomatizzati ta' data u għandu jintwieġeb minn Stat Membru hekk kif iqis li huwa jissodisfa l-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-data fil-kategorija rilevanti tad-data.
4. **Ir-Renju Unit** lesta l-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-data u l-kwestjonarju dwar l-iskambju ta' data dattiloskopika. **Ir-Renju Unit** wettaq b'suċċess prova pilota mal-**Ġermanja**. Saret żjara ta' evalwazzjoni fir-**Renju Unit** u sar rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni mit-tim ta' evalwazzjoni **Ġermaniż** li ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill (12511/19 DAPIX 273 CRIMORG 131 ENFOPOL 417 ENFOCUSTOM 159 JAI 986).

5. Rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jiġbor fil-qosor ir-risultati tal-kwestjonarju, iż-żjara ta' evalwazzjoni u l-prova pilota dwar l-iskambju ta' data **dattiloskopika** ġie ppreżentat lill-Kunsill (**12512/19 DAPIX 274 CRIMORG 132 ENFOPOL 418 ENFOCUSTOM 150 JAI 987**).
6. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) tat-**8 ta' Novembru 2019**, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat ta' data **dattiloskopika**, ir-**Renju Unit** implimenta b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
7. Abbażi ta' dan, il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat ta' data **dattiloskopika**, ir-**Renju Unit** implimenta b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
8. Barra minn hekk, il-Kunsill jitlob li, sal-15 ta' Ġunju 2020, ir-**Renju Unit** jirrevedi l-politika tiegħu li teskludi l-fajls ta' data dattiloskopika ta' persuni suspettati, fid-dawl tal-esperjenza operazzjonali tal-iskambju ta' data dattiloskopika ta' Prüm u *mutatis mutandis* tal-ispegazzjonijiet fir-rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni marbuta mal-iskambju ta' data dwar id-DNA (11545/18). Jekk, sa dak iż-żmien, ir-**Renju Unit** ma jkunx innotifika lill-Kunsill li huwa jqiegħed għad-dispożizzjoni l-fajls ta' data dattiloskopika ta' persuni suspettati, il-Kunsill, fi żmien tliet xhur, jevalwa s-sitwazzjoni mill-ġdid bil-ħsieb tat-tkomplija jew it-terminazzjoni tal-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika mar-**Renju Unit**.